# 7. Lis-Sena l-Ġdida 1964

Ja Sena Ġdida,
għalkemm mal-wasla tiegħek
sew f'nofs il-lejl
int sibtni nidħaq ġewwa nofs il-ballu,
taħt it-tbissima
falza ta' wiċċi
kien hemm in-niket
u dwejjaq kbar
u biża' minnek.
X'sejra ġġibilna ġewwa l-fardal tiegħek.
ja Sena Ġdida?
Ah! biegħed minna
il-għelt, il-ġlied,
id-demm bejn l-aħwa;
rażżan ir-regħba u l-ġibdiet tal-ħakma,
rattab l-irjus u l-qlub,
ġibilna s-sabar ta' xulxin, l-imħabba,
ġibilna l-għaqda,
ġibilna s-sliem,
ġibilna l-ħelsien!

Mexxina ħalli naħdmu għalenija,
ħielsa,
b'rajna f'idejna
għall-ġejjien sbejjaħ
ta' Malta tagħna.

U jekk, ja Sena Ġdida,
sew bħall-allat tal-qedem,
int trid id-demm
ta' sagrifiċċju fuq l-altari tiegħek,
ħu biss lil ħajti
li qed noffrilek bit-tregħid ta' ġismi
iżda bi spirtu mħejji.
Ja Sena Ġdida, kun ħanina magħna!